**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**

**Vs**

**Stephen Galea**

**Illum 4 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Stephen Galea ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben George u Catherine neè Galea, imwieled il-Pietà, residenti Binja Hesrem G., Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 397978(M), talli nhar l-24 ta' Awwissu 2021 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest akkordat lilu mill-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru 2020, liema kundizzjonijiet ingħatawlu taħt depożitu ta' €2,000 u garanzija personali ta' €5,000;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-Liġi, il-Qorti tordna r-revoka tad-digriet li bih Stephen Galea ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi Stephen Galea, kif ukoll tordna li l-ammont ta' €7,000 (€2,000 depożitu u €5,000 garanzija) jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat inizjalment wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1] iżda imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021[2] irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

---

[1] Vide verbal tas-seduta tas-26 ta' Awwissu 2021, fol. 4 tal-proċess.

[2] Vide verbal a fol. 38 tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia l-Fedina Penali ta' l-imputat markata Dok. "A" a fol. 5 sa' 10 tal-proċesss u estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat markat Dok. "B" a fol. 11 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur George Frendo mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Awwissu 2021[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu, ossia d-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest ta' l-imputat mogħti mill-Qorti Kriminali fis-7 ta' Ottubru 2020 - Dok. "GF1" a fol. 14 sa' 22 tal-proċess, u il-Bail Book ta' l-imputat - Dok. "GF2" a fol. 23 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Etienne Grech mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021[4];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-24 ta' Awwissu 2021 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għall-Ħelsien mill-Arrest akkordat lilu mill-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru 2020, liema kundizzjonijiet ingħatawlu taħt depożitu ta' €2,000 u garanzija personali ta' €5,000.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri, senjatament fil-25 ta' Ottubru 2021, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta kontrih.

Sa' l-istadju meta l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, laħqu xehdu l-Ispettur George Frendo *qua* xhud tal-Prosekuzzjoni u it-Tabib Dr. Etienne Grech *qua* xhud tad-Difiża.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur George Frendo[5] jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Huwa l-Ispettur investigattiv u Prosekutur fi proċeduri oħra li hemm pendenti fil-konfront ta' l-imputat u terza persuna, fejn qed jiġu akkużati *inter alia* bir-reat ta' frodi;
- Fis-7 ta' Ottubru 2020 l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, taħt diversi kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti dakinhar stess;
- Uħud mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat għall-benefiċċju tal-ħeslien mill-arrest huma: (i) li jirrisjedi fil-fond Binja Hesrem G, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi; u (ii) li jiffirma l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ kuljum bejn id-9:00a.m. u s-6:00p.m., Sibtijiet u Ħdud inklużi;

[3] Fol. 12 u 13 tal-proċess.

[4] Fol. 27 u 28 tal-proċesss.

[5] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Awwissu 2021, fol. 12 u 13 tal-proċess.

- Sa' minn Frar tas-sena 2021, il-Pulizija ppruvat tinnotifika lill-imputat bis-seduti tal-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu, iżda għalkemm tħallewlu diversi riferti ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex dawn jiġu notifikati lilu, huwa ma ġiex notifikat peress li ma kienx qed jiffirma l-Bail Book;
- Mill-Bail Book ta' l-imputat - esebit animo ritirandi bħala Dok. "GF2" a fol. 23 tal-proċess - jirriżulta li l-aħħar li l-imputat mar jiffirma kien fil-15 ta' Frar 2021;
- L-Ispettur Frendo ħareġ alert fuq l-imputat sabiex jekk jinstab huwa, ossia l-Ispettur, jiġi nfurmat;
- Il-Pulizija anke ppruvat tinnotifika lill-imputat fir-residenza fejn kellu jirrisjedi skond il-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, ossia fil-fond Binja Hesrem G, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi, iżda l-imputat ma nstabx u lanqas instab meta saru diversi tfittxijiet oħra bil-għan li jiġi rintraċċjat;
- Fil-25 ta' Awwissu 2021, l-Ispettur George Frendo ġie nfurmat li l-imputat kien qed jagħmel rapport ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi u dak il-ħin stess huwa bagħat lill-Pulizija tiegħu biex jarrestaw lill-imputat, liema arrest kien relattiv għall-fatt li l-imputat kiser waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, fis-7 ta' Ottubru 2020.

Mid-Digriet pronunċjat mill-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, datat 7 ta' Ottubru 2020[6], jirriżulta li l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

1. *Li jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin li jiġu lilu ordnati minn din il-Qorti jew minn Qorti ohra;*
2. *Li ma jsifirx minn Malta jekk mhux bil-permess tal-Qorti;*
3. *Li ma jbiddilx l-indirizz mogħti minnu ġewwa Binja Hesrem G, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi;*
4. *Li jirritorna lura d-dar fit-8:00p.m. u ma joħroġx mid-dar qabel is-7:30a.m.;*
5. *Li ma jkellimx ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;*
6. *Li jiddepożita s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) oltre li jintrabat b'garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5,000);*
7. *Li jiddeposita l-karta ta' l-identità u passaport tiegħu f'dawn l-atti;*
8. *Li jiffirma l-għassa tal-pulizija ta' Żebbuġ kuljum bejn id-9:00a.m. u is-6:00p.m., Sibtijiet u Ħdud inklużi.*

Kif già iktar 'l fuq osservat mill-Bail Book ta' l-imputat, Dok. "GF2" a fol. 23 tal-proċess, jirriżulta b'mod ċar li l-aħħar li l-imputat iffirma ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ kien fil-15 ta' Frar 2021 u jirriżulta wkoll li r-riferti għas-seduti tal-proċeduri fejn l-Ispettur Frendo huwa l-Uffiċjal Prosekutur skedati għall-24 ta' Marzu 2021, 4 ta' Mejju 2021 u 27 ta' Mejju 2021, ma ġewx notifikati lill-imputat peress li ma kienx qed jiffirma.

Mix-xhieda tat-Tabib Dr. Etienne Grech[7], prodott bħala xhud mid-Difiża, ma tantx jirriżulta wisq dettal a sfurraġju ta' l-imputat stante li l-imsemmi xhud bil-kemm għaraf lill-imputat u qali li għalkemm *il-wiċċ rings a bell, imma ma nafx jekk hux fil-*

[6] Fol. 14 sa' 22 tal-proċess.

[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 27 u 28 tal-proċess.

*ħajja soċjali tiegħi jew fl-ex-ħajja politika illi kelli jew fil-ħajja professjonali tiegħi.* Mistoqsi b'mod dirett jekk jgħarafx lill-imputat bħala pazjent tiegħu, it-Tabib Dr. Etienne Grech, wieġeb li ma jistgħax jgħid jekk l-imputat huwiex pazjent tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-provi u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma għandha l-ebda eżitazzjoni li issib lill-imputat hekk ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Apparte l-kwistjoni tal-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjoni dedotta kontrih u anke bħala konsegwenza ta' l-istess, il-Qorti trid tittratta u tiddetermina wkoll it-talba avvanzata mill-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-Liġi, il-Qorti tordna r-revoka tad-digriet li bih l-imputat ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-ammont komplessiv ta' €7,000 jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħeslien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li l-konfiska ta' l-ammont stabilit għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest hija, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tassattiva. Il-Qorti però għandha d-diskrezzjoni fir-rigward tal-*quantum* ta' kemm minn tali ammont jiġi effettivament konfiskat u din id-diskrezzjoni hija marbuta mal-gravità tar-reat li tiegħu jkun instab ħati l-imputat.

Fis-sottomissjonijiet tagħha dwar il-piena, id-Difiża argumentat li l-ksur imwettaq mill-imputat - ossia n-nuqqas ta' iffirmar ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ - ma huwiex tali li għandu jwassal għall-konfiska sħiħa ta' l-ammont komplessiv ta' €7,000 marbut mal-benefiċċju għall-ħeslien mill-arrest konċess lilu bid-Digriet tal-Qorti Kriminali datat 7 ta' Ottubru 2020, u per konsegwenza anke għar-ri-arrest ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Argumentat illi l-konfiska u l-konsegwenti effett fuq id-deċiżjoni dwar ir-ri-arrest o meno ta' l-imputat għandha appuntu tirrifletti n-natura *de minimis* ta' dan il-ksur.

Fil-fehma tal-Qorti però tali argumentazzjoni da parte tad-Difiża hija waħda sempliċistika u superfiċjali għall-aħħar.

Jibda biex jiġi osservat illi l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest ma huma qatt mogħtija għal xejn b'xejn u kollha kemm huma huma intiżi biex il-persuna soġġetta għal tali kondizzjonijiet tidher il-Qorti kull meta hija mitluba tagħmel dan. Jekk wieħed ikun qed igawdi mill-libertà proviżorja, għandu jimxi skrupoložament mal-kundizzjonijiet imposti fid-Digriet u mhux jaġixxi kif jidhirlu hu b'disrispett totali tal-kondizzjonijiet imposti fuqu. Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Psaila**, deċiża fis-

27 ta' Settembru 2012, fejn appuntu ngħad illi *l-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja mhumiex mogħtija għalxejn u kollha jservu għall-għan wieħed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jiġi mitlub jagħmel dan. Peress illi l-appellant huwa akkużat taħt il-Liġi Kriminali jkun hemm il-ħtieġa illi jiġi notifikat bid-differimenti tal-kawża u għalhekk jiġu imposti fuqu kundizzjonijiet ta' l-iffirmar biex il-Pulizija ma jkollhiex diffikultà tinnotifikah. L-appellant kiser waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tiegħu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rriżultax imma rriżulta bħala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-għassa tal-Ħamrun kif kien obbligat jagħmel u għal kważi xahar sħiħ baqa' mfittex mill-Pulizija mingħajr lanqas ma ndennja ruħu jgħidilhom fejn kien. Il-fatt illi fis-26 ta' Diċembru 2010 ta' ruħu b'idejh lill-Pulizija m'għandhiex titqies illi għamel xi bravura jew għamel xi konċessjoni lill-Pulizija billi ffrankalhom il-ħin sabiex joqgħodu jfittxuh. Kien l-appellant illi ma qagħadx għall-obbligazzjonijiet imposti fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas tiegħu.*

Fil-każ in eżami mill-provi prodotti - provi li għandhom jiġu kkunsidrati nonostante l-ammissjoni ta' l-imputat - jirriżulta li l-istess imputat mhux biss naqas milli jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, kif kien obbligat li jagħmel ai termini tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 7 ta' Ottubru 2020, iżda anke naqas milli jidher għas-seduti miżmuma fil-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu u ta' terza persuna fejn qed jiġu akkużati *inter alia* bir-reat ta' frodi u ma kienx rintraċċabbli fil-fond fejn kellu jirrisjedi, ossia fil-fond Binja Hesrem G, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi, u dan ukoll kollu skond kif fuqu impost bid-Digriet imsemmi tas-7 ta' Ottubru 2020. In kwantu l-iffirmar *per se*, jiġi osservat li madwar erba' xhur wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest l-imputat unilateralment u mingħajr ebda forma ta' ġustifikazzjoni għażel li jieqaf jiffirma u dam hekk ma jiffirmax u ma jersaqx lejn l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ u mhux rintraċċabbli għal ben sitt xhur sakemm per pura kumbinazzjoni - in kwantu mar jagħmel rapport l-Għassa ta' Ħal-Qormi fil-25 ta' Awwissu 2021 - huwa ġie finalment rintraċċjat u arrestat in konnessjoni mar-reat mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fil-fehma tal-Qorti dawn in-nuqqasijiet da parte ta' l-imputat huma nuqqasijiet serji u altru milli *de minimis*. Huma nuqqasijiet li juru biċ-ċar li l-imputat ma għandu assolutament l-ebda rispett lejn l-awtorità tal-Qorti u lejn l-ordnijiet Minnha imposti fuqu u b'hekk l-ebda inklinazzjoni li joqgħod għall-istess. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-gravità tas-sitwazzjoni hija tali li timmerita l-konfiska tas-somma komplessiva ta' €7,000, ossia tad-depożitu ta' €2,000 u tal-garanzija ta' €5,000, imposta fuq l-imputat bis-saħħa tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, datat 7 ta' Ottubru 2020.

Din is-sitwazzjoni neċessarjament iġġib magħha wkoll ir-revoka *contrario imperio* ta' l-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, datat 7 ta' Ottubru 2020, u l-konsegwenti ri-arrest immedjat ta' l-imputat, hekk kif mitlub mill-Prosekuzzjoni u ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, kemm fid-dawl tal-provi prodotti kif ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq u ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma komplessiva ta' sebat elef Euro (€7,000), liema somma tikkonsisti fid-depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) u fil-garanzija ta' ħamest elef Euro (€5,000), imposta fuq l-imputat bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali, presjduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, fis-7 ta' Ottubru 2020.

In oltre u hekk kif mitlub mill-Prosekuzzjoni u ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali, presjduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, fis-7 ta' Ottubru 2020 u tordna r-ri-arrest ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**